# 450 SENA TA' AVVENIMENTI U LAQGĦAT FIL-BELT VALLETTA



Prof. Henry Frendo

L-ewwel 'laqgħa' jew aħjar avveniment fil-belt Valletta tkun il-fondazzjoni stess tagħha fl-1566 wara li ntrebaħ l-Assedju kontra t-Torok Ottomani.

Mhuwiex faċli li fi ftit kliem tħares lejn il-laqgħat u l-inkontri 'importanti' li seħħew fil-belt Valletta tul sekli mgħoddija u sal-lum. Din madankollu tkun sfida ta' riċerka interessanti – u kbira - speċjalment fl-okkażjoni tal-belt bħala kapitali kulturali Ewropea. B' 'laqgħat' wieħed ma jridx jifhem biss dawk ta' xeħta 'politika' għax hemm bosta attivitajiet u avvenimenti sinifikattivi ta' natura soċjali, kulturali, arkitettonika, kummerċjali u reliġjuża li wkoll ikkaratterizzaw ħajjet dik li fis-seklu 16 saret il-kapitali ta' Malta. Kif sar dwar il-Birgu fi tliet volumi rikki, ikun xieraq li jsir dwar il-belt Valletta, f'xogħol però li jieħu ż-żmien, imma li jibqa' għall-posterità, b'aċċess u resonanza lokali u internazzjonali.

L-ewwel 'laqgħa' jew aħjar avveniment fil-belt Valletta tkun il-fondazzjoni stess tagħha fl-1566 wara li ntrebaħ l-Assedju kontra t-Torok Ottomani. Kif spjega riċentement waqt simposju Stephen Spiteri, espert fl-arkitettura militari u s-swar, it-tqegħid tal-ġebla tax-xewka fi żmien La Valette, li ntradmet xi mkien bejn Putirjal u l-Vitorja, diġà kien jikkostitwixxi ġrajja notevoli u simbolika.

### Il-ħolqien ta' belt rinaxximentali

Kien bidu li mbagħad ra l-ħolqien ta' belt rinaxximentali organizzata bi spazji ġodda, magħluqa u miftuħa, fejn setgħu jsiru laqgħat ta' kull xorta, politiċi u pubbliċi, mill-parati tal-karnival sa sawk militari. Sa ftit snin ilu fi pjazza bħal mhi dik ta' quddiem il-Bibljoteka, magħrufa min-nies bħala Pjazza Reġina sa minn tarf is-seklu 18, kien ikollna pereżempju l-Kukkanja – siġra kbira li stajt tixxabbat magħha għall-premju fuq nett, l-ekwivalenti ta' ġostra fuq l-art. Sa minn seklu qabel, kellna bibljoteka b'kotba u manuskritti sikwit uniċi, li kienet *'cabinetto di lettura'* fejn setgħu jiltaqgħu dawk li jfittxu u jaqraw. Grazzi għall-Gran Mastru Vilhena, il-belt kellha wkoll teatru, il-Manoel, li għadu sal-lum wieħed mill-eqdem teatri awtentiċi u funzjonali fl-Ewropa, anzi fid-dinja. Dan ukoll kien lokal utilizzat għal-laqgħat u inkontri mhux biss kulturali jew operistiċi, skont il-ħtiġiet tal-okkażjoni jew taż-żmien. Forsi l-aqwa teatru fil-belt fejn iltaqgħu eluf kbar ta' nies tul iż-żmien lanqas kien wieħed magħluq. Kien il-Port. Malta kif nafuha mingħajr il-Port il-Kbir x'aktarx li lanqas kienet teżisti. Dan hu wieħed mill-aqwa – u mill-isbaħ – portijiet naturali protetti fid-dinja, fejn setgħet issorġi u tissewwa flotta sħiħa, u fejn seħħew tant inkontri mhux biss bejn ammiralli u mexxejja politiċi imma anki bejnietna l-Maltin – biżżejjed wieħed isemmi r-regatta!

Naturalment 'ir-reġina' li presediet fuq dan kollu wara l-1566 kienet il-belt Valletta, li allura bdiet tokkupa b'mod prominenti l-Monti Xiberras bejn il-Port il-Kbir u Marsamxett b'infrastruttura, b'ġibda u b'kariżma tagħha, bħala kapitali ta' pajjiżna f'nofs il-Mediterran. Fl-okkażjoni tal-450 sena mill-fondazzjoni tagħha, kemm il-Bank Ċentrali kif ukoll, ninsab infurmat, il-UNESCO, għandhom dalwaqt joħorġu muniti kommemorattivi.

F'dik li hi 'infrastruttura', apparti mit-toroq, mill-bereġ, mill-pjazez, miz-zekka, mis-swieq, mit-teatru u l-librerija u l-ġonna, laqgħa anzi manifestazzjoni pubblika importanti fil-belt kienet dik ta' meta 'wasal' l-ilma permezz tal-akwedott 'ta' Wignacourt' fl-1615. Dwar dan ara, pereżempju,



Forsi l-aqwa teatru fil-belt fejn iltaqgħu eluf kbar ta' nies tul iż-żmien lanqas kien wieħed magħluq. Kien il-Port. Malta kif nafuha mingħajr il-Port il-Kbir x'aktarx li lanqas kienet teżisti

Marco Cremona u Chris Micallef, *'Lifeline for a City'* f'H. Frendo (Ed), *From the Great Siege to the Cold War*, 2015, 31-45). Dan iffaċilita l-ħolqien ta' funtani u ġonna b'bosta monumenti storiċi li ġew inawgurati tul iż-żmien. Dan biex ma nsemmi xejn dwar battalji fuq ix-xwieni fil-*'corso'* u fuq l-art, li involvew eluf ta' baħħara u ġellieda Maltin, apparti l-kavallieri.

Ċerimonija pubblika mal-wasla tal-Franċiżi fl-1798 kienet dik fejn fi spirtu rivoluzzjonarju nħarqu t-titli tan-nobbiltà. Daqstant ieħor kellek il-konfoffi ta' Dun Gaetano Mannarino fl-1775 u ta' Dun Mikiel Xerri u sħabu fl-1775 u fl-1799, fejn il-preżenza fil-belt jew il-ħtif tagħha kienet dejjem il-mira ewlenija bħala s-sede tal-poter politiku u amminstrattiv, kapitali ffortifikata li ma kienx faċli tippenetraha.

Qabel ma bdiet il-fotografija, għandna l-litografi. Hekk, pereżempju, hi mfakkra l-merħba mogħtija lill-miġja tal-kummissarji rjali Austin u Cornwall-Lewis fl-1836. Kien bis-saħħa ta' dawn il-ġuristi liberali li eventalment Malta akkwistat il-libertà tal-istampa u Kunsill tal-Gvern, jiġifieri d-dritt tal-vot. Inċidentalment, l-ewwel stamperiji kienu fil-Belt, fejn fis-Sala tal-Arazzi beda jiltaqa' wkoll il-Kunsill tal-Gvern, fejn qablu kien jiltaqa' l-Kunsill tal-Ordni.

Laqgħa storika fil-belt kienet dik li ngħata Giuseppe Garibaldi 'l'eroe dei due mondi' meta żar Malta fl-1864, fejn spikkaw l-atteġġjamenti kuntrastanti bejn l-ammiraturi Maltin tar-Risorġiment a favur ta' *Italia unita*, u dawk Burboni u papisti li kienu jarawh f'dawl ħażin.

### Il-belt Valletta ssir nervitura nazzjonali

Kien hawn li ssejħu u ltaqgħu l-assemblei nazzjonali wara l-ewwel gwerra u wara t-tieni waħda; tal-ewwel ippreseduta minn Sir Filippo Sceberras u tat-tieni minn Sir Luigi Preziosi. Is-Sei Maggio u s-Sette Giugno kienu ffukati fuq il-Belt filwaqt li l-aqwa u l-isbaħ monumenti ttellgħu fil-Belt u l-Furjana. Fost l-oħrajn insemmu biss uħud minn dawk ta' Sciortino, *Les Gavroches* fil-Barrakka ta' Fuq, u Kristu Re fil-Biskuttin fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913, fejn inġemgħu bi ħġarhom ruxxmata dinjitarji ekkleżjastiċi għoljin mal-popolin.

Il-kuntest ġeo-strateġiku ta' Malta wkoll spira bosta laqgħat politiċi. Pjazza San Ġorġ quddiem il-Palazz rat bosta inkontri kbar u storiċi, mhux biss iċ-*'changing of the guard'*. Fost dawn kellna dawk konnessi mal-gvern responsabbli miksub fl-1921, u żjajjar irjali u oħrajn bħal dawk tal-Kaiser, tal-Imperatur Ġappuniż, prinċpijiet u rġejjen, il-konferiment tal-*George Cross* fil-1942, u iktar riċenti għadd ta' inkontri tal-massa, almenu sakemm dawn bdew aktar isiru Fuq il-Fosos tal-Furjana jew imexerrdin ma' pjazez oħrajn fil-pajjiż. Il-mobbiltà żdiedet bl-introduzzjoni tat-tren fl-1883 u wara tat-tramm u tax-xarabank, bil-Belt dejjem l-arterja principali tagħhom.

Fost xi laqgħat politiċi internazzjonali li ospitat l-Belt u l-madwar nista' nsemmi almenu tlieta ewlenin fis-seklu 20. Fl-1912 iltaqgħu f'Malta tlieta mill-ogħla kbarat politiċi u militari Ingliżi: Asquith, Churchill u Kitchener. Asquith kien il-prim ministru Liberali Ingliż; Churchill kien First Lord of the Admiralty; Lord Kitchener kien inkarigat mill-Eġittu u ftit wara l-laqgħa ta' Malta nħatar Ministru tal-Gwerra. Il-problema kienet l-axxendenza tal-Ġermanja, iżjed aggressiva u espansjonista taħt il-Kaiser, u allura l-ħtieġa ta' koperazzjoni u ippparteġġjar aħjar ma' Franza fid-difiża tal-Punent kontra l-Ġermanja. Din il-laqgħa kellha eżitu anki lokali għax influwenzat lil Nerik Mizzi biex jissuġerixxi li ladarba l-Ingilterra kienet se ċċedi l-ħarsien tal-Mediterran lil Franza għaliex mela ma ssirx xi federazzjoni mal-Italja li kienet eqreb?

Laqgħa oħra 'ġeo-strateġika' f'Malta kienet dik bejn il-Prim Ministru Ingliż Winston Churchill u l-President Amerikan Franklin Delano Roosevelt f'Jannar 1945 qabel dawn ma marru l-Krimea jiltaqgħu mad-dittatur 'alleat' Russu Josef Stalin. It-Tieni Gwerra Mondjali kienet waslet fl-aħħar imma kien għadu inċert il-futur tal-Ewropa, speċjalment dak tal-Polonja, u x'bilanċ ta' poter kien se jinżamm (*sic*) wara l-gwerra. Minn hawn joħroġ il-ġenesi tal-Gwerra l-Bierda. (Ara l-kapitlu tiegħi *'Malta before Yalta and After: Geopolitics, Strategy and Ideology'* f' G. Bonello Ed., *A Timeless Gentleman*, 2014). Fil-fatt din il-laqgħa iktar saret fil-Furjana, bieb u għatba mal-Belt.

Laqgħa oħra tabilħaqq storika (fil-Belt u fuq il-baħar waqt maltempata) kienet dik bejn il-mexxejja tas-superpotenzi l-USA u l-USSR: il-Presidenti George H. Bush u Mikhail Gorbachev. Din saret fil-bidu ta' Diċembru 1989 u effettivament fetħet orizzonti ġodda iżjed paċifiki u rikonċiljatorji billi ddikjarat it-tmiem tal-Gwerra l-Bierda kif konna sirna nafuha, jiġifieri l-qasma ideoloġika-militari bejn l-Ewropa tal-Punent u dik tal-Lvant. Dan naturalment qed ngħid qabel ma feġġew Putin u Bush it-tieni. (Dwar dan l-avveniment ara pereżempju Stephen C. Calleja, 'Appreciating the Malta Bush-Gorbachev Summit' f'H. Frendo Ed., *From the Great Siege to the Cold War*, 2015, 59-63.)

Dawn huma biss eżempji fil-qosor tal-belt kapitali bħala ċentru ta' laqgħat. Hemm bil-wisq iżjed x'jingħad dwar din iċ-*'citta umilissima'* – *'built by gentlmen for gentlemen'*.

*L-iktar kotba reċenti tal-Professur Frendo huma* ***Europe and Empire*** *(2012),* ***Party Politics in a Fortress Colony*** *(3rd ed., 2013) u* ***Dimech's Lost Prison Poems*** *(2014).*



Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-George Cross




Ir-rewwixxta tas-Sette Giugno



Il-monument Les Gavroches fil-Barrakka ta' Fuq



Il-laqgħa bejn il-President Amerikan Franklin Roosevelt u l-Prim Ministru Ingliż Winston Churchill



Il-President Emeritus Eddie Fenech Adami meta kien Prim Ministru fl-1989 jagħti merħba lill-President Amerikan George W. Bush li f'Malta ltaqa' mal-President Russu Mikhail Gorbachev